# *Reġistrazzjoni ta' bejjiegħa bl-imnut li biħsiebhom jinvolvu ruħhom f'bejgħ minn distanza transkonfinali*

***skont L.S. 315.10 Regolamenti dwar il-Manifattura, Preżentazzjoni u Bejgħ tat-Tabakk u Prodotti Relatati, 2016***

Ir-Regolamenti dwar il-Manifattura, Preżentazzjoni u Bejgħ tat-Tabakk u Prodotti Relatati (L.S. 315.10) jimplimentaw id-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk 2014/40/EU u daħlu fis-seħħ fl-20 ta' Mejju 2016.

Din ir-reġistrazzjoni trid timtela minn:

- bejjiegħa bl-imnut stabbiliti f'Malta jew li għandhom il-ħsieb li jbiegħu prodotti tat-tabakk, sigaretti elettroniċi jew prodotti relatati direttament lill-konsumaturi fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea;

Bejgħ ta' prodotti tat-tabakk, prodotti erbali għat-tipjip, kif ukoll sigaretti elettroniċi u kontenituri ta' rikarika li fihom in-nikotina u anke dawk li ma fihomx nikotina minn distanza transkonfinali, lill-konsumaturi li jinsabu f'Malta huwa pprojbit.

**Il-bejjiegħa bl-imnut jistgħu jinvolvu ruħhom fil-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk, sigaretti elettroniċi/prodotti relatati minn distanza transkonfinali u jibdew jissupplixxu tali prodotti lill-konsumaturi fl-Istati Membri tal-UE wara li jirċievu l-konferma tar-reġistrazzjoni tagħhom mill-awtorità kompetenti rilevanti biss. L-awtorità kompetenti f'Malta hija s-Superintendent tas-Saħħa Pubblika.**

L-istabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut li jinsabu f'Malta għandhom jinnominaw mas-Superintendent, persuna fiżika li għandha tkun responsabbli sabiex tivverifika, qabel il-prodotti jilħqu lill-konsumatur, li tali prodotti jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet nazzjonali tal-Istat Membru fejn jinsab il-konsumatur, fiż-żmien meta l-konsumatur jordna l-prodott. L-istabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut għandhom joperaw sistema ta' verifika tal-età, li tivverifika fil-mument tal-bejgħ, li l-konsumatur li qed jixtri jikkonforma mar-rekwiżiti minimi tal-età provduti fid-dispożizzjonijiet nazzjonali tal-Istat Membru fejn ikun jinsab il-konsumatur fiż-żmien meta jordna l-prodott. L-istabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut jew il-persuna fiżika nominata għandhom jipprovdu lis-Superintendent deskrizzjoni tad-dettalji tas-sistema tal-verifika tal-età u kif taħdem.

**Il-bejjiegħa bl-imnut involuti fil- bejgħ ta' prodotti tat-tabakk minn distanza transkonfinali, ma jistgħux jipprovdu tabakk, sigaretti elettroniċi u prodotti relatati lill-konsumaturi fl-Istati Membri fejn il-bejgħ minn distanza transkonfinali huwa projbit.**

**Din il-formola MA TAPPLIKAX għall-bejgħ minn negozju għal negozju, i.e. bejgħ MHUX dirett lill-kosumaturi.**

---



Data Protection Statement: All Data collected is processed in accordance with legal provisions and the General Data Protection Regulation (EU) 2016/679 (GDPR). Personal Data is not disclosed to third parties if not required by Law or by other EU Regulations/obligations.

**STRUZZJONIJIET:**

Imla din il-formola b'ittri kapitali leġġibbli u rritorna l-oriġinali jew ibgħat kopja skanjata lid-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali (Għall-attenzjoni tal- Unita` għall-Koordinament tal-Politika Għas-Saħħa Ambjentali).

**INFORMAZZJONI IMPORTANTI**

Jekk in-negozju tiegħek diġà rċieva konferma tar-reġistrazzjoni mingħand l-awtorità kompetenti ta' xi Stat Membru, int obbligat li tibgħat kopja tal-konferma tar-reġistrazzjoni provduta. Bl-istess mod, jekk qiegħed fil-proċess li tapplika jew għandek il-ħsieb li tapplika għar-reġistrazzjoni fi Stat Membru ieħor, int obbligat li tipprovdi kopja ta' kwalunkwe konferma tar-reġistrazzjoni pprovduta meta tirċeviha. Il-konferma tar-reġistrazzjoni tiegħek f'Malta ma tkunx kompluta sakemm dawn id-dokumenti jiġu ppreżentati. Ibgħat il-kopji kollha tal-konferma tar-reġistrazzjoni fuq tpd.ehd@gov.mt u uża "Skema ta' Reġistrazzjoni Transkonfinali tal-Prodotti tat-Tabakk" bħala s-suġġett tat-titolu. L-ittra trid tinkludi l-isem tal-bejjiegħ bl-imnut u dettalji relevanti oħra.

Is-Superintendent għandu d-dritt li jitlob it-tlestija ta' dan it-tagħrif jekk l-informazzjoni mressqa tkun ikkunsidrata mhux kompluta. Konferma tar-reġistrazzjoni għandha tintbgħat lill-applikant meta tkun riċevuta l-informazzjoni kompluta. Negozji stabbiliti f'Malta li jbiegħu lill-konsumaturi fi Stat Membru ieħor tal-UE, għandhom jibagħtu konferma ta' reġistrazzjoni minn dawn l-Istati lil tpd.ehd@gov.mt (Għall-attenzjoni tal- Unita` għall-Koordinament tal-Politika Għas-Saħħa Ambjentali).

Għal aktar informazzjoni jew għal appuntament, ikkuntattja lid-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali:

- Indirizz elettroniku: tpd.ehd@gov.mt
- Nru tat-Telefon: (00356) 2095 4993
- Indirizz:
  Tobacco Surveillance Unit
  Environmental Health Directorate
  Continental Business Centre,
  Cutrico Buildings, Level 1,
  Triq il-Ferrovija l-Qadima,
  Santa Venera, SVR 9018
  Malta



Data Protection Statement: All Data collected is processed in accordance with legal provisions and the General Data Protection Regulation (EU) 2016/679 (GDPR). Personal Data is not disclosed to third parties if not required by Law or by other EU Regulations/obligations.

| ***Reġistrazzjoni ta' bejjiegħa bl-imnut li biħsiebhom jinvolvu ruħhom f'bejgħ minn distanza transkonfinali*** | | |
|---|---|---|
| **Isem tal-bejjiegħ** | | |
| **L-isem kummerċjali tal-bejjiegħ (jekk differenti)** | | |
| **Indirizz** | Isem/Numru tal-fond | |
| | Triq | |
| | Raħal | |
| | Kodiċi postali | |
| | Pajjiż | |
| **Indirizz elettroniku** | | **Nru tat-Telefon** |
| Jekk jogħġbok agħti d-dettalji ta' kwalunkwe indirizz(i) ieħor użat min-negozju tiegħek għall-provvista kummerċjali ta' prodotti tat-tabakk jew sigaretti elettroniċi. | | |
| **Tip ta' sottomittent** | ☐ Bejjiegħ bl-imnut stabbilit Malta, li jbiegħ lil konsumaturi fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea | |
| **Tip ta' prodotti pprovduti?** ***Agħżel il-kaxxi kollha applikabbli għan-negozju tiegħek*** | | |
| ☐ Prodotti tat-tabakk | ☐ Sigaretti elettroniċi *(inkluż e-liquids, strumenti u komponenti tagħhom)* | |



Data Protection Statement: All Data collected is processed in accordance with legal provisions and the General Data Protection Regulation (EU) 2016/679 (GDPR). Personal Data is not disclosed to third parties if not required by Law or by other EU Regulations/obligations.

**Meta fornejt il-prodotti tiegħek permezz ta' bejgħ minn distanza transkonfinali lill-konsumaturi fi Stat tal-UE għall-ewwel darba?** (*Jekk għadek ma bdejtx bil-forniment, jekk jogħġbok ikteb id-data ta' meta biħsiebek tforni).*

Ġurnata | Xahar | Sena

**Jekk jogħġbok speċifika kif il-prodotti tiegħek huma kkummerċjalizzati fi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea**

| | | | |
|---|---|---|---|
| ☐ **sit elettroniku (internet)** | ☐ telefon | ☐ posta | ☐ oħrajn *(speċifika)* |

**Ikteb id-dettalji tas-sit elettroniku hawn taħt**

**Sit elettroniku 1**

**Sit elettroniku 2**

**Sit elettroniku 3**

**Xi siti elettroniċi oħrajn jew dettalji ulterjuri biex tidentifika jew taċċessa kwalunkwe sit iddikkjarat**

**Sistema ta' verifika tal-età**

| | |
|---|---|
| Sistema disponibbli tal-verifika tal-età | ☐ IVA ☐ LE |

Jekk jogħġbok ipprovdi deskrizzjoni tas-sistema mħaddma tal-verifika tal-età
*(trid tipprovdi dettalji tas-sistema mħaddma u kif din tiffunzjona eż. jitħaddmu kontrolli tal-età fuq l-iskrin; prereġistrazzjoni; verifika tal-età meta jsir check-out; eċċ. fejn qed jintużaw diversi sistemi ta' verifika tal-età jew is-sistemi jvarjaw bejn l-Istati tal-UE, jekk jogħġbok agħti dettalji tas-sistemi kollha)*

ENVIRONMENTAL HEALTH SERVICES - PORT HEALTH & TOBACCO SURVEILLANCE UNIT
Environmental Health Directorate
Superintendence of Public Health
Continental Business Centre, Level 1, Triq il-Ferrovija, Santa Venera SVR9018
**T** +356 20954993, **T** +356 99319930 **E** porthealth@gov.mt
https://environmentalhealth.gov.mt

Data Protection Statement: All Data collected is processed in accordance with legal provisions and the General Data Protection Regulation (EU) 2016/679 (GDPR). Personal Data is not disclosed to third parties if not required by Law or by other EU Regulations/obligations.

| | |
|---|---|
| | |
| Dokumenti li fihom deskrizzjoni tad-dettalji u l-funzjonament tas-sistema tal-verifika tal-età | ☐ mehmużin (Jekk mhux mehmużin, jekk jogħġbok agħti raġuni) |
| **Persuna responsabbli biex tivverifika li l-prodotti tat-tabakk u/jew is-sigaretti elettroniċi huma konformi mad-dispożizzjonijiet nazzjonali** | |
| **L-istess bħal bejjiegħ hawn fuq** ☐ IVA | ☐ LE |
| Jekk differenti, imla s-sezzjoni t'hawn taħt | |
| Isem | |
| Numru tal-ID/Numru tal-Passaport | |
| Ir-relazzjoni ma' min qed iressaq it-talba | |
| Pożizzjoni *(impjegat, rappreżentat appuntat, eċċ)* | Indirizz elettroniku funzjonali |
| Nru tat-Telefon | Nru tal-mobile |



Data Protection Statement: All Data collected is processed in accordance with legal provisions and the General Data Protection Regulation (EU) 2016/679 (GDPR). Personal Data is not disclosed to third parties if not required by Law or by other EU Regulations/obligations.

**Reġistrazzjoni kkonfermata mal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea fejn jinsabu l-konsumaturi attwali jew potenzjali** ***(agħżel il-kaxxi rilevanti kollha)***

*Jekk jogħġbok ipprovdi konferma ta' kwalunkwe reġistrazzjoni provduta mill-awtorità kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru li inti rreġistrat fih biex tforni prodotti permezz ta' bejgħ minn distanza transkonfinali lill-konsumatur li jinsab fl-Istat Membru (agħżel l-kaxxi kollha rilevanti)*

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| ☐**Xejn** | ☐**Ċipru** | ☐**Franza** | ☐**l-Italja** | ☐**il-Polonja** | ☐**Spanja** |
| ☐**l-Awstrija** | ☐**ir-Repubblika Ċeka** | ☐**il-Ġermanja** | ☐**il-Latvja** | ☐**il-Portugall** | ☐**l-Iżvezja** |
| ☐**il-Belġju** | ☐**id-Danimarka** | ☐**il-Greċja** | ☐**il-Litwanja** | ☐**ir-Rumanija** | |
| ☐**il-Bulgarija** | ☐**l-Estonja** | ☐**l-Ungerija** | ☐**il-Lussemburgu** | ☐**is-Slovakkja** | |
| ☐**il-Kroazja** | ☐**il-Finlandja** | ☐**l-Irlanda** | ☐**l-Olanda** | ☐**is-Slovenja** | |

**Applikajt jew għandek l-intenzjoni li tapplika għal reġistrazzjoni biex tforni prodotti permezz ta' bejgħ minn distanza transkonfinali fi kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni Ewropea?**

*Jekk jogħġbok agħżel l-Istati Membri kollha fejn in-negozju tiegħek qiegħed fil-proċess li japplika, jew biħsiebu japplika għar-reġistrazzjoni (agħżel l-kaxxi kollha rilevanti)*

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| ☐**Xejn** | ☐**Ċipru** | ☐**Franza** | ☐**l-Italja** | ☐**il-Polonja** | ☐**Spanja** |
| ☐**l-Awstrija** | ☐**ir-Repubblika Ċeka** | ☐**il-Ġermanja** | ☐**il-Latvja** | ☐**il-Portugall** | ☐**l-Iżvezja** |
| ☐**il-Belġju** | ☐**id-Danimarka** | ☐**il-Greċja** | ☐**il-Litwanja** | ☐**ir-Rumanija** | |
| ☐**il-Bulgarija** | ☐**l-Estonja** | ☐**l-Ungerija** | ☐**il-Lussemburgu** | ☐**is-Slovakkja** | |
| ☐**il-Kroazja** | ☐**il-Finlandja** | ☐**l-Irlanda** | ☐**l-Olanda** | ☐**is-Slovenja** | |



Data Protection Statement: All Data collected is processed in accordance with legal provisions and the General Data Protection Regulation (EU) 2016/679 (GDPR). Personal Data is not disclosed to third parties if not required by Law or by other EU Regulations/obligations.

| DIKJARAZZJONI TA' KONFERMA | | |
|---|---|---|
| • Jiena hawnhekk niċċertifikali din l-informazzjoni, inkluż id-dikjarazzjonijiet u d-dokumenti li jakkumpanjawhom, huma sa fejn naf u nemmen korretti.<br>• Jiena hawnhekk niċċertifika li l-bejjiegħ bl-imnut li qed ifittex reġistrazzjoni f'dan il-każ għandu jipproċessa id-data personali tal-konsumatur skont id-Direttiva 2016/679 biss, liema data m'għandhiex tiġi żvelata lill-manifattur tal-prodotti tat-tabakk jew lill-kumpaniji li jiffurmaw parti mill-istess grupp ta' kumpaniji jew lil xi partijiet terzi oħrajn. Id-data personali m' għandhiex tintuża jew tiġi ttrasferita għal finijiet oħrajn li mhumiex ix-xiri propju.<br>• Jiena hawnhekk niċċertifika li l-bejjiegħ bl-imnut li qed ifittex reġistrazzjoni f'dan il-każ mhux ser iforni tali prodotti lill-konsumaturi fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea fejn tali bejgħ ġie pprojbit. | | |
| Firma | Isem u titlu (ittri kbar) | Data |
| **Għall-użu uffiċjali biss** | | |
| Dokumentazzjoni kompluta ☐ Iva ☐ Le<br>☐ Konferma ta' reġistrazzjoni ma' Stati Membri oħrajn tal-UE *(jekk relevanti)* mehmuża<br>☐ Applika diġà/qiegħed bl-intenzjoni li japplika *(ħassar skont il-bżonn)* għar-reġistrazzjoni fi Stati Membri oħrajn *(jekk rilevanti)*<br>☐ M'hemmx bżonn ta' reġistrazzjoni ma' Stati Membri oħrajn tal-UE | | |
| Dan biex ikun iċċertifikat li dan il-bejjiegħ bl-imnut huwa reġistrat mal-Awtorità Kompetenti Maltija responsabbli għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/40/UE dwar il-Prodotti tat-Tabakk bħala negozju li biħsiebu jkun involut f'bejgħ minn distanza transkonfinali lill-konsumaturi li jinsabu fl-Unjoni Ewropea. | | |
| Isem tal-uffiċjali li qed jirċievi r-reġistrazzjoni (ittri kbar/timbru) | | |
| Firma tal-uffiċjal responsabbli (f'isem is-Superintendent tas-Saħħa Pubblika) | | |
| Data | | |

ENVIRONMENTAL HEALTH SERVICES - PORT HEALTH & TOBACCO SURVEILLANCE UNIT
Environmental Health Directorate
Superintendence of Public Health
Continental Business Centre, Level 1, Triq il-Ferrovija, Santa Venera SVR9018
**T** +356 20954993, **T** +356 99319930 **E** porthealth@gov.mt
https://environmentalhealth.gov.mt

Data Protection Statement: All Data collected is processed in accordance with legal provisions and the General Data Protection Regulation (EU) 2016/679 (GDPR). Personal Data is not disclosed to third parties if not required by Law or by other EU Regulations/obligations.